# LINJI GWIDA GĦAS-SERVIZZ GĦAJNUNA FID-DAR

Il-Linji Gwida għas-servizz Għajnuna fid-Dar jagħtu deskrizzjoni dettaljata dwar x'jikkonsisti s-servizz. Dan is-servizz joffri xogħol domestiku ħafif fil-kmamar li jintużaw mill-benefiċjarji, kif ukoll qadi fil-viċinanzi.

**Xogħol ta' Qadi**

Qadi bħal xiri u ġbir ta' mediċini jsir jekk ikun fil-viċinanzi tar-residenza tal-benefiċjarji.

**Xogħol domestiku**

Xogħol domestiku li jsir regolari jinkludi: tfarfir, ħasil tal-art, ħasil tal-kamra tal-banju u ħasil tal-kċina. Jista' jsir ukoll ħasil ta' platti u ħasil ta' ħwejjeġ tal-benefiċjarji b'magna awtomatika u jsir l-inxir.

Xogħol domestiku ieħor li ma jsirx b'mod regolari jinkludi: ħasil ta' taraġ intern, ħasil ta' friġġ, cooker u cupboards tal-kċina, ħasil ta' twieqi u bibien. Dan ix-xogħol isir biss jekk jintlaħaq minn fuq stepstool soda ta' mhux aktar minn tliet skaluni. Importanti li l-helpers ma jkunux esposti għal ebda periklu.

**Regolamenti**

- Is-servizz jista' jingħata biss jekk il-benefiċjarji nfushom ikunu preżenti fid-dar.
- Is-servizz ma jingħatax il-Ħdud u Festi Pubbliċi.
- Il-helpers ikollhom il-karta tal-attendenza. Il-klijenti għandhom jiffirmaw biss jekk is-servizz ikun ingħata skont il-ftehim. Il-klijenti m'għandhomx jiffirmaw l-attendenza jekk il-helpers ikunu sick, vacation leave, jew jekk ma jkunux kuntenti bis-servizz li jkun ingħata.
- Meta l-helpers ikunu leave jew sick, il-benefiċjarji jistgħu jitolbu reliever, iżda din/dan mhux bilfors t/jintbagħat fil-ħin u l-ġurnata li jkun allokat is-servizz tagħhom.
- Il-benefiċjarji għandhom immedjatament jinfurmaw lis-servizz Għajnuna fid-Dar jekk ikun hemm xi tibdil fin-numru ta' persuni li jgħixu fir-residenza.
- Il-ġranet u l-ħinijiet tas-servizz għandhom dejjem jiġu osservati, iżda jistgħu jinbidlu skont il-bżonn mill-amministrazzjoni tas-servizz Għajnuna fid-Dar.

- Jekk għal xi raġuni l-benefiċjarji ma jkunux jistgħu jieħdu s-servizz, il-benefiċjarji/qraba huma obbligati javżaw lis-sezzjoni tal-Għajnuna fid-Dar mill-anqas ġurnata qabel.
- Mhu aċċettat l-ebda tip ta' abbuż tas-servizz tal-Għajnuna fid-Dar. F'każ ta' dan, is-servizz jitwaqqaf b'mod immedjat u jittieħdu l-passi meħtieġa skont il-liġi.
- Nissuġġerixxu lill-benefiċjarji biex ma jagħtux flus jew rigali lill-helper.
- Tipjip mhux permess waqt il-ħin li jkun qed jingħata s-servizz, kemm min-naħa tal-benefiċjarji u kif ukoll min-naħa tal-helper.
- Jekk il-benefiċjarji jkunu jixtiequ jibdlu l-helper, għandhom jagħmlu talba bil-miktub lis-sezzjoni Għajnuna fid-Dar, u jagħtu r-raġunijiet għalfejn qiegħda ssir it-talba.
- Il-benefiċjarji li għandhom villeġġjatura jistgħu jagħżlu li jieħdu s-servizz hemm. It-talba għas-servizz fil-villeġġjatura trid tiġi approvata mill-amministrazzjoni tal-Għajnuna fid-Dar.

**Rifużjoni**

Il-benefiċjarji għandhom dritt għal rifużjoni meta javżaw l-amministrazjoni tal-Għajnuna fid-Dar li ma jridux servizz mill-anqas erbgħa u għoxrin (24) siegħa qabel ma għandu jingħata s-servizz.

Il-benefiċjarji m'għandhomx dritt għal rifużjoni meta: il-ġurnata tas-servizz tkun festa pubblika, ikun offrut servizz ta' reliever imma jiġi rrifjutat, il-helper tmur tagħti servizz u l-benefiċjarji ma jkunux id-dar jew jirrifjutaw is-servizz mingħajr raġuni valida.

## SKEMA TA' SUSSIDJU GĦAJNUNA FID-DAR

L-iskema ta' sussidju hija offruta mill-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità, fejn **il-benefiċjarji li għandhom is-servizz tal-Għajnuna fid-Dar approvat** jistgħu jagħżlu li jsibu l-helper huma stess. Il-benefiċjarji jirċievu sussidju ta' €10 għal kull siegħa ta' servizz approvat fil-ġimgħa, mis-sezzjoni tal-Għajnuna fid-Dar, biex jgħinhom iħallsu l-helper tal-għażla tagħhom. Is-sussidju jintbagħat kull tlettax (13) il-ġimgħa fil-kont bankarju tal-benefiċjarju.

Il-persuna li se taħdem bħala helper trid tkun irreġistrata mal-Jobsplus bħala full-time jew part-time self-employed cleaner. Il-helper ma tistax tkun qed tgħix fl-istess dar mal-klijent. Jekk il-helper ma j/tkunx irreġistrat/a mal-Jobsplus, j/tista' j/tirreġistra faċilment online fuq is-sit elettroniku:

https://www.servizz.gov.mt/mt/Pages/default.aspx

F'każ fejn il-helper i/tkun qed j/tiġi mibgħuta minn kumpanija tat-tindif, evidenza tal-impjieg, jew l-irċevuta tal-kumpanija tkun biżżejjed. Biex jinħareġ il-pagament tas-sussidju l-benefiċjarji jridu jipprovdu rċevuti uffiċjali biex juru li s-servizz ingħata.

Il-pagament tas-sussidju ma jingħatax jekk l-irċevuti ma jiġux ippreżentati lis-sezzjoni tal-Għajnuna fid-Dar fiż-żmien stipulat.

Il-vantaġġi ta' din l-iskema huma li:

- Il-klijenti ma jħallsux il-kontribuzzjoni ta' €2.33 jew €3.49 fil-ġimgħa.
- Il-klijenti jistgħu jevitaw li jdaħħlu nies barranin ġewwa darhom.
- Il-klijenti jistgħu jqabbdu lill-helper fil-ġurnata u fil-ħin konvenjenti għalihom.
- Il-helper j/tista' j/tagħmel kull tip ta' xogħol domestiku skont il-ħtieġa tal-klijent.

Dokumenti meħtieġa:

- In-numru tal-IBAN tal-kont bankarju tal-beneficjarji fejn se jiġu depożitati l-flus.
- Kopji tal-ID cards tal-benefiċjarji u tal-helper.
- Kopji tar-reġistrazzjoni mal-Jobsplus u n-numru tal-VAT tal-helper.
- Jekk il-helper hija mibgħuta minn kumpanija tat-tindif ikun hemm bżonn biss ittra mill-kumpanija jew irċevuta, bħala evidenza li qed jingħata s-servizz.

Il-klijenti li jridu japplikaw għal din l-iskema jistgħu jikkuntattjaw lis-servizz Għajnuna fid-Dar, u jiggwidawhom huma.

Għal aktar informazzjoni

ċempel lis-Servizz Għajnuna fid-Dar fuq in-numri

22788437 / 22788419 / 22788436